12 ta' Mejju, 1953

Imħallef :—

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Il-Pulizija *versus* John Fenech

**Karrozza — Assikurazzjoni — Riskji ta' Terzi Persuni — Polza tas-Sigurtà — Liċenza — Sospensjoni — Art. 3 (2), 12 (1) u 20 tal-Kap. 165.**

*Jekk il-polza tas-sigurtà għar-riskji ta' terzi persuni jkun fiha, bħala waħda mill-kondizzjonijiet, dik illi l-karrozza tiġi misjuqa minn*

*min għandu liċenza tas-sewqan, dik il-kondizzjoni limitativa tas-sigurtà hija attendibli u valida, avvolja l-artikolu rilevanti tal-liġi jiddikjara li ma għandhiex ikollha effikaċja r-restrizzjoni ta' l-assikuratur tal-persuna assikurata minn dik il-polza b'riferenza għall-"kondizzjoni" tal-persuna li ssuq il-karrozza; għax il-kondizzjoni li l-liġi tikkunsidra ineffikaċi hija dik li tirrigwarda l-kondizzjoni personali jew stat li fih ikun jinsab min ikun isuq il-karrozza, għal ma hija l-età, jew l-istat fiżiku jew mentali ta' dik il-persuna, u mhux il-fatt li min isuq ma jkollux fil-pussess tiegħu liċenza tas-sewqan.*

*Il-fatt li l-akkuża ssir quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati, fejn il-piena ma tistax teċċedi l-priġunerija sa tliet xhur u l-multa, ma jġibx illi ma tistax tiġi applikata l-piena tas-sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan. Ir-reat jibqa' ta' kompetenza tal-Qorti Inferjuri indipendentement mid-direzzjoni ta' l-Attorney General; u tibqa' sseħħ ir-regola ġenerali, salvo raġunijiet speċjali mħollija għall-tehma tal-Qorti, li timponi l-iskwalifika tal-ħati biex ikollu liċenza tas-sewqan.*

*Il-fatt li l-kumpannija assikuratriċi li ħarġet il-polza tas-sigurtà xorta waħda kienet tħallas, kieku ġara xi ħaġa li tagħti lok għall-indennizz, jikkostitwixxi raġuni speċjali biex il-Qorti, jekk ma tneħħix għal kollox il-piena ta' l-iskwalifika, tirriduċi l-perijodu tas-sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan stabbilit mill-liġi.*

Fuq l-akkuża dedotta kontra l-imputat, talli fil-21 ta' Novembru 1952, għal xi l-8.45 a.m., kera l-motor car tiegħu nru. 6367 self-drive lill Guido Sciberras, mingħajr ma dana kellu liċenza *tas-sewqan mill-Pulizija, u talli ppermetta l-istess* motor car tiġi wżata fit-triq mingħajr il-polza tas-sigurtà jew il-garanzija dwar riskji ta' terzi persuni skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza nru. 36 ta' l-1939, u fuq it-talba tal-Prosekuzzjoni li l-imputat jiġi skwalifikat milli jkollu jew jieħu ebda liċenza tas-sewqan għal perijodu ta' tnax-il xahar jew iżjed skond l-art. 3 (2) ta' l-istess Ordinanza, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, b'sentenza tal-21 ta' Frar 1953, wara li rat il-verbal tal-5 ta' Frar 1953, *fejn jinsab reġistrat li l-imputat ammetta li Guido Sci-*

berras ma kellux liċenza tas-sewqan, u wara li rat l-art. 14 (c) tal-Kap. 105 tal-Liġijiet ta' Malta u l-art. 3 (1) (2) tal-Kap. 165 ta' l-istess Liġijiet, iddikjarat li l-akkuża talli kera karrozza self-drive lil Guido Sciberras mingħajr ma kellu liċenza tas-sewqan tinsab assorbita f'dik li kera l-istess vettura bla polza tas-sigurtà jew garanzija dwar riskji ta' terzi persuni, u għaldaqstant sabitu ħati ta' dina l-aħħar akkuża u kkundannatu għal multa ta' £5, u fl-istess ħin skwalifikatu milli jkollu jew jieħu liċenzi tas-sewqan għal perijodu ta' tmax il-xahar;

L-imputat appella minn dik is-sentenza quddiem din il-Qorti;

Il-Qorti rat l-attijiet kollha tal-kawża....................;

L-appell huwa limitat għall-akkuża li l-imputat ippermetta l-użu tal-karrozza fit-triq mingħajr il-polza tas-sigurtà jew il-garanzija dwar ir-riskji ta' terzi persuni, kif ukoll dwar l-iskwalifika li jkollu liċenzi tas-sewqan;

L-appellant, quddiem l-Ewwel Qorti, ammetta li kera l-karrozza lil ċertu Guido Sciberras, li ma kellux liċenza tas-sewqan. Il-karrozza kienet koperta minn polza tas-sigurtà, iżda waħda mill-kondizzjonijiet tal-polza kienet li l-karrozza tiġi misjuqa minn min kellu liċenza tas-sewqan. L-imputat isostni li dina l-kondizzjoni limitativa tas-sigurtà ma kienetx attendibili u ma tgħoddx, għax l-art. 12 (1) ta' l-Ordinanza XXXVI ta' l-1939 (Kap. 165 tal-LL.) jiddikjara li ma għandhiex ikollha effett ir-restrizzjoni ta' l-assikurazzjoni tal-persuna assikurata minn dik il-polza b'riferenza għall-"kondizzjoni" tal-persuna li ssuq il-vettura. Iżda l-kondizzjoni li l-liġi tikkunsidra ineffikaċi hija dik li tirrigwarda l-kondizzjoni personali jew stat li fih ikun jinsab min ikun qed isuq il-karrozza, bħal ma hi l-età, jew l-istat fiżiku jew mentali ta' dik il-persuna, u mhux il-fatt li min isuq ma jkunx fil-pussess ta' liċenza tas-sewqan. Kien ikun assurd li l-liġi tikkunsidra ineffikaċi għall-finijiet tas-sigurtà kondizzjoni li liġi oħra, ugwalment effikaċi, tirrikjedi bħala essenzjali għas-sewqan ta' karrozza fit-triq. *Għaldaqstant fuq dan ir-rigward l-appell* ma jistax jiġi milqugħ; salvo dak li jingħad aktar 'il quddiem;

L-appellant, dwar is-sospensjoni tal-liċenza u l-iskwali-

fika li jkollu liċenza tas-sewqan, isostni li, ladarba l-akkuża saret quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja, il-piena ma setgħetx teċċedi l-priġunerija *ta' tliet* xhur u l-multa, u għalhekk ma tistax tiġi ordnata minn dik il-Qorti l-iskwalifika kontemplata fl-art. 3 (2) ta' l-Ordinanza fuq imsemmija (Kap. 165 LL.). Huwa minnu li l-art. 20 tal-Kap. 165 tal-LL. jikkontempla biss il-piena tal-priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur u l-multa; iżda, kif osservat dina l-Qorti fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Diċembru 1952 in re "Pulizija vs. Joseph Zammit", dak l-artikolu 20 jikkontempla reati msemmijin fl-artikolu preċedenti (art. 19), li jaqbżu l-kompetenza inferjuri, u mhux reat bħal dak ta' l-appellant, li huwa ta' kompetenza ordinarja tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati. U ladarba r-reat in kwistjoni jaqa' fil-kompetenza ordinarja tal-Qorti Inferjuri, *indipendentement* mid-direzzjoni ta' l-Attorney General, il-limitazzjoni imposta fl-art. 20 fuq imsemmi ma jistax ikollha lok, u tidħol ir-regola ġenerali stabbilita fl-art. 3 (2) ta' *dik l-Ordinanza* fuq imsemmija, li, salvo raġunijiet speċjali mħollija għall-fehma tal-Qorti, timponi l-iskwalifika tal-ħati għalbiex ikollu liċenza tas-sewqan;

Mill-banda l-oħra, irriżulta li, għalkemm il-polza tas-sikurtà ma kienetx tkopri l-każ ta' sewqan da parti tal-persuna li kienet kriet il-karrozza mħabba li dina ma kellhiex liċenza tas-sewqan, fil-fatt fil-prattika l-kumpannija assikuratriċi li ħarġet il-polza xorta waħda kienet tħallas, li kieku ġara xi ħaġa li kienet tagħti lok għall-indennizz. Dak l-użu tal-kumpannija assikuratriċi jirriżolvi ruħu f'użu ta' ħlas "ex gratia", u mhux ta' ħlas tabilfors; iżda fil-prattika jirrimedja għall-ħsara li tkun ġrat daqs kieku l-polza *kienet tkopri xorta waħda* l-każ ta' sewqan da parti ta' min ma jkollux liċenza tas-sewqan, u għalhekk tonqos il-gravità tar-reat fl-effetti u konsegwenzi potenzjali. Dana jikkostitwixxi *raġuni speċjali* għalbiex il-Qorti timmodera l-piena tal-iskwalifika, bis-setgħa tal-art. 3 (2) tal-Ordinanza fuq imsemmi (ara sent. ċit. ta' din il-Qorti 20 ta' Diċembru 1952, in re "Pulizija vs. Joseph Zammit"). Fil-fehma tal-Qorti, mhux il-każ li tneħħi l-iskwalifika għal kollox, għax, apparti r-reat, hu dejjem perikoluż u risk-

jew il-kiri ta' karrozzi lil min ma jkollux liċenza tas-sewqan. Minħabba l-preżunzjoni naturali li jkun hemm xi raġuni valida għax dik il-persuna ma jkollhiex jew ma jistgħax ikollha liċenza; u għalhekk kiri simili għandu jkun skoraġġit bil-pieni stabbiliti mil-liġi. Iżda l-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista', flok li tneħħi l-kwalifika għal kollox, tillimita ż-żmien tagħha proporzjonalment għall-gravità tar-reat;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad l-appell ta' l-imputat appellant, relativ għall-ħtija fuq l-akkuża li għaliha ġie limitat l-appell, kif ukoll rigward il-piena u t-tneħħija ta' l-iskwalifika, u fuq dan tikkonferma s-sentenza appellata; iżda tirriforma l-istess sentenza rigward iż-żmien ta' l-iskwalifika, billi tirriduċih għal xahar biss, u tagħti lill-imputat jumejn żmien għall-ħlas tal-multa.